MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta tas-6 ta' Frar, 2003

Talba Numru. 2607/2002

**Mark Mercieca
vs
Michael Delia u martu
Lucienne Delia**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba ghall-kundanna tal-konvenuti ghall- hlas ta’ Lm460 (erbgha mija u sitt lira Maltin) oltre Lm69 (disgha u sittin lira Maltin) VAT bil-15% fuq l-istess ammont – ammontanti b’ kollox ghal (Lm529) (hames mija w disa’ w ghoxin lira Maltin) prezz ta’ xoghol ta’ bibien maghmul u mqieghed fuq inkarigu taghhom, bl-interessi ta’ 8 % fuq l-istess ammont, mill-1 t’Ottubru 2002 sad-data tal-pagament effettiv.

Illi l-konvenuti ghalkemm interpellati biex ihallsu l-istess ammont, permezz ta’ ittra legali datata 17 ta’ Ottubru 2001 huma baqghu inadempjenti.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra nterpellatorja tas- 17 t' Ottubru 2002 kontra l-konvenuti, li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenuti debitament notifikati baqghu ma prezentawx risposta.

Sema' lil attur jikkonferma bil-gurament tieghu li l-ammont ghadhu dovut.

Jiddeciedi billi jilqa it-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenuti biex ihallsu is-somma ta' hames mija u disgha u ghoxrin Lira Maltija (Lm529) bl-ispejjes u bl-interessi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------